

# Il-Festa Maltija

Tiftakruha lil Mary Rose Mallia tkanta din

"Bandalori kollha lwien,
karti żgħar ma' kullimkien,
qubbajt, imqaret, paljijiet,
sparar bħal tagħna m'hawn imkien."

Il-Festa Tradizzjonali Maltija fil-forma preżenti tagħha ilha ssir mis-seklu 19 permezz ta' diversi tradizzjonijiet li għadhom eżistenti sal-lum. 400 sena ilu, il-Festa kienet attività ċkejkna b'karattru raħli organizzata l-aktar minn xi benefatturi li jqassmu l-inbid u l-ikel fost in-nies li jattendu għaċ-ċerimonji reliġjużi jew lin-nies foqra tar-raħal.

Sas-seklu 18, kienu jiġu sparati bombi żgħar (magħrufa bħala maskli). Kienu jinkrew bnadar biex iżejnu l-qalba tal-irħula fejn kienet ser issir il-festa. Il-mużika kienet ipprovduta minn gruppi żgħar ta' mużiċisti li kienu jferrħu l-atmosfera tal-festa. Il-qofol tal-festi kien ikun bla dubju ta' xejn fil-Knisja b'ċelebrazzjonijiet u prietki dwar il-qaddis li jkun qed jiġi jiċċelebrat, għax wara kollox il-festa ssir biex infaħħru lil Qaddis jew Qaddisa li jkunu qed jiġu ċelebrati fil-festa. Fil-knejjes żvillupati fuq livell ikbar bil-mużiċisti u l-kantanti li kienu jkunu parti miċ-ċelebrazzjonijiet. Sas-seklu 19 u l-bidu tal-20, il-biċċa l-kbira tal-parroċċi kellhom il-mużika tal-Knisja tagħhom stess miktuba speċjalment għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa annwali. L-aktar elementi importanti tal-festa wara l-Knisja huma, l-armar, il-banda u n-nar.

kultura

# Aghti l-kulur




kultura